# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' April, 2023.**

**Numru 3**

**Rikors numru 790/15/1 JPG**

**Joseph P Debono u martu Mary Debono, Carmel sive Charles Farrugia u martu Josephine Farrugia, Anthony Bonnici u martu Catarina, Carmelo sive Charles Domenici u martu Jane Domenici, Carmel Galea u martu Doris Galea, Francis Zahra u martu Dolores Zahra, Alfred Gatt u martu Cettina Gatt, Anthony Bugeja, Jonas Magro u b'digriet tat-23 ta' April, 2018 l-atti ta' Jonas Magro ġew trasfużi f'isem Abraham Magro f'ismu proprju u bħala mandatarju ta' oħtu assenti Georgia Muscat, David Magro u George Magro, Frances Cassar u żewġha Vladimir Cassar, Joseph Calleja u martu Doris, Anthony Chetcuti u martu Anna, Peter Paul Borg u martu Rita, Francis Gauci u martu Lina u John Deguara u martu Anna u Maria Azzopardi armla ta' Joseph Azzopardi**

**v.**

**Go plc (C 22334)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Go plc minn sentenza

mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' April, 2018, fejn din ċaħdet it-talba tal-atturi kollha, għajr dik imressqa mill-attur Peter Paul Borg u b'hekk ordnat lil Go plc twettaq skema ta' pensjoni għall-benefiċċju tal-attur Peter Paul Borg skont kif mitlub minnu.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-5 ta' Lulju, 2010, l-atturi fissru li wħud minnhom kienu daħlu impjegati ma' Rediffusion Limited, filwaqt li oħrajn kienu daħlu jaħdmu mal-Korporazzjoni Telemalta. Huma spjegaw li meta ġiet imwaqqfa l-Korporazzjoni Telemalta kienu daħlu jaħdmu magħha numru ta' impjegati tal-Gvern, li kellhom dritt ta' pensjoni skont l-**Ordinanza dwar il-Pensjonijiet**. Minħabba f'hekk, fl-istess żmien kien sar kuntratt sabiex il-ħaddiema li oriġinarjament kienu impjegati ma' Rediffusion Limited, ukoll ikollhom dritt ta' pensjoni simili għal dik li kellhom l-impjegati tal-Gvern. Qalu wkoll li fl-1 ta' Settembru, 1978, il-Korporazzjoni Telemalta kienet ħaddmet numru ta' nies, fosthom uħud mill-atturi, li mal-impjieg tagħhom kienu ngħataw id-dritt ta' pensjoni mingħandha. Madankollu, din il-pensjoni baqgħet ma ngħatatilhomx.

3. L-atturi tennew ukoll li wħud minnhom kienu rtiraw mill-impjieg tagħhom meta laħqu l-età ta' wieħed u sittin sena, filwaqt li oħrajn kienu ġew *medically boarded out*. Żiedu jgħidu li l-bqija tal-atturi kienu bbenefikaw minn skema ta' irtirar kmieni mal-predeċessur tal-kumpanija

konvenuta. Qalu li minkejja dan, id-dritt ta' pensjoni ta' dawn tal-aħħar ma kellux jiġi mittiefes.

4. L-atturi saħqu li lkoll kemm huma kienu ssodisfaw il-ħtiġijiet kollha biex ikunu eliġibbli għal pensjoni mingħand il-kumpanija konvenuta; madankollu din baqgħet tiċħad li huma kellhom dan id-dritt. Minħabba f'hekk, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà intimata Go plc għandha timplimenta skema tal-pensjoni fil-konfront tar-rikorrenti liema skema tal-pensjoni għandha tkun simili għal dik komtemplata fl-Ordinanza tal-Pensjonijiet u dan tenut tad-durata tal-impjieg tagħhom u l-paga relattiva tagħhom fi żmien qasir u perentorju li jiġi hekk lilha prefiss liema pensjoni titħallas malli jilħqu l-età ta' 60 sena jew meta jiġu medically boarded out, liema jiġi l-ewwel, ikun hemm dritt għal gratifikazzjoni ta' kwart mill-pensjoni multiplikata b'12.5 fost kundizzjonijiet oħra u fin-nuqqas li tagħmel dan, li tkun din il-Qorti stess li tfassal l-istess skema tal-pensjoni taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet xierqa u opportuni.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata u b'riżerva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti liema intimati huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

5. Fit-28 ta' Settembru, 2015, Go plc ressqet it-tweġiba maħlufa tagħha u hemmhekk hija tat ir-raġunijiet tagħha għaliex it-talbiet tal-atturi m'għandhomx jiġu milqugħa.

6. B'sentenza mogħtija fit-23 ta' April, 2018, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qatgħet il-kawża billi: (i) laqgħet l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni ta' Go plc fir-rigward tal-atturi John Deguara, Francis Gauci, Jonas Magro, Anthony Chetcuti u Mary Azzopardi, u b'hekk ċaħdet it-talba tagħhom; (ii)

laqgħet it-tielet eċċezzjoni ta' Go plc fir-rigward tal-atturi Carmelo Galea, Francis Zahra, Anthony Bugeja, Anthony Bonnici, Joseph P Calleja, Joseph Paul Debono, Charles Domenici, Alfred Gatt, Carmelo Farrugia u Frances Cassar, u b'hekk ċaħdet it-talba tagħhom; (iii) ċaħdet is-seba' eċċezzjoni ta' Go plc safejn dan jaqbel mar-raġunament milħuq fis-sentenza; u (iv) ċaħdet il-bqija tal-eċċezzjonijiet ta' Go plc fir-rigward tal-attur Peter Paul Borg u b'hekk laqgħet it-talba tiegħu safejn dan jaqbel mar-raġunament milħuq fis-sentenza.

7. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet il-kawża b'dan il-mod kienu dawn:

> *«Permezz ta' din il-kawża, ir-rikorrenti, li kollha kienu impjegati tas-soċjetà intimata, qed jitolbu sabiex l-istess soċjetà intimata timplimenta skema ta' pensjoni fil-konfront tagħhom li għandha tkun simili għal dik kontemplata fl-Ordinanza tal-Pensjonijiet, jew fin-nuqqas, tkun din il-Qorti stess li tfassal tali skema. Din it-talba qed tiġi magħmula a bażi tal-fatt illi, skont ir-rikorrenti, dawk minnhom li bdew jaħdmu mas-soċjetà intimata jew aventi kawża tagħhom li kienu impjegati tar-Rediffusion kellhom dritt għall-pensjoni simili bħal pensjoni tal-Gvern, u fil-każ tal-impjegati rikorrenti oħra, dawn kellhom "a legitimate expectation" li jingħataw tali pensjoni għaliex inkella jkun hemm diskriminazzjoni bejnhom u l-ko-impjegati tagħhom.*
>
> *Is-soċjetà intimata eċċepiet il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna, ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk il-Qorti sejra l-ewwel nett teżamina din l- eċċezzjoni. Dan l-artikolu jipprevedi żmien preskrittiv ta' ħames snin fil-każ ta',*
>
>> *"[a]zzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku".*
>
> *Fil-fehma tal-Qorti, dan l-artikolu m'huwiex applikabbli f'dan il-każ u dan peress illi l-każ odjern ma jittrattax il-ħlas ta' xi kreditu iżda jitratta l-adempiment ta' obbligu kontrattwali illi r-rikorrenti qed jisħqu illi s-soċjetà intimata għandha fil-konfront tagħhom. Għalhekk hawnhekk mhux qed nittrattaw obligazione di dare iżda obligazione di fare, u dan*

*l-Artikolu m'huwiex applikabbli fil-każ ta' obligazione di fare. F'dan is-sens il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Ralph Naudi et vs Maltacom p.l.c. deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Novembru 2001 ....*

*…*

*Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni a bażi tal-Artikolu 2156(f) qed tiġi miċħuda.*

*Ikkonsidrat;*

*Il-Qorti rat illi l-ftehim tat-2 ta' Marzu 1976 jipprovdi illi l-partijiet għal dan il-ftehim kienu s-segwenti:*

*"...the Minister of Development, the Chairman of Telemalta Corporation and the National Association of Clerical and Supervisory Staffs representing employees formerly employed by the Rediffusion Group of Companies in Malta."*

*Huwa ċar għalhekk fil-fehma tal-Qorti illi dan il-ftehim joħloq biss obbligi versu dawk l-impjegati li kienu qed jiġu trasferiti f'impjieg mat-Telemalta wara li kienu impjegati tar-Rediffusion Group of Companies Malta. Għalhekk huma biss dawk ir-rikorrenti li kienu impjegati tar-Rediffusion illi jistgħu javvanzaw pretensjoni a bażi ta' dan il-kuntratt, u mhux ir-rikorrenti l-oħra li ma kinux impjegati mar-Rediffussion għaliex japplika l-prinċipju ta' res inter alios acta. Din l-istess konsiderazzjoni diġà ġiet fil-fatt magħmula minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet Carmelo Dalli vs Go Plc deċiża fit-3 ta' Ottubru, 2013 ....*

*…*

*Il-Qorti rat però, illi minbarra dawk ir-rikorrenti a favur ta' liema nħoloq dritt għal pensjoni permezz tal-ftehim surreferit, hemm ukoll rikorrenti illi għandhom dritt għal din l-istess skema ta' pensjoni, nonostante l-fatt li ma kinux impjegati tar-Rediffusion. Dan il-għaliex fl-ittra ta' ingaġġ tagħhom, ġie indikat lilhom illi dak l-impjieg kien ser jintitolahom għall-iskema ta' pensjoni li kienet ser tpoġġi fis-seħħ mis-soċjetà intimata, jew aħjar l-aventi kawża tagħha. Din l-indikazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, għandha titqies bħala waħda mill-kondizzjonijiet tax-xogħol illi aċċettaw dawn l-impjegati u hija waħda vinkolanti.*

*Ir-rikorrenti però jargumentaw illi kollha kemm huma għandhom dritt għal din l-iskema ta' pensjoni u dan għaliex ġaladarba kienu jaħdmu fl-istess xogħol ma' dawk l-impjegati li kienu ġew trasferiti mill-kumpanija Rediffusion, u/jew dawk illi fl-ittra ta' ingaġġ ġie indikat lilhom li kienu ser ikunu intitolati għal pensjoni, għandhom aspettativa leġittima illi jieħdu l-istess pensjoni, u jekk ma jingħatawx din il-pensjoni ikunu qegħdin jiġu diskriminati. Il-Qorti però ma taqbel xejn ma' dan l-argument, li fil-fehma konsiderata tagħha huwa*

*kompletament infondat.*

*Fis-sentenza seminali Ex parte Coughlan il-Qorti tal-Appell Ingliża kienet sostniet illi hemm żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal aspettitiva leġittima sostantiva u ċjoè:*

*(1) fejn tkun saret wegħda li għandha l-karattru ta' kuntratt u;*
*(2) fejn ikun hemm bdil ta' policy.*

*Fir-rigward tal-ewwel tip ta' aspettativa leġittima sostantiva, il-Qorti tal-Appell f'dik is-sentenza kienet iċċarat illi din tapplika biss fejn ikun hemm wegħda li saret lil individwu wieħed, jew numru żgħir ta' persuni, li fil-fehma tal-Qorti m'huwiex il-każ hawnhekk. Fir-rigward tat-tieni sitwazzjoni, ingħad mill-Qorti tal-Appell Ingliża illi din testendi biss għall-aspettativa illi l-individwu jiġi trattat b'manjiera konsistenti mal-policy tal-entità f'dak iż-żmien, u li f'dan il-każ l-entità hija marbuta biss illi tieħu in konsiderazzjoni l-posizzjoni tagħha anterjuri jew ir-rappreżentazzjonijiet magħmula minnha mill-individwu. Il-Qorti tal-Appell Ingliża kompliet ittenni illi f'din it-tip ta' sitwazzjoni, ikun hemm ksur tal-aspettativa leġittima biss jekk id-deċiżjoni tal-entità li tibdel il-posizzjoni anterjuri tagħha hija irraġonevoli skont il-prinċipji ta' Wednesbury jew irrazzjonali u ċjoè li hi,*

> *"...so outrageous in the defiance of logic or of accepted moral standards that no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it"*

*F'dan il-każ hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi ma jistax jingħad li l-bdil tal-posizzjoni da parti tas-soċjetà intimata, jew l-aventi kawża tagħha kien wieħed irrazzjonali jew irraġonevoli skont il-prinċipji ta' Wednesbury. Il-Qorti tagħraf illi l-iskop wara l-istabbiliment tal-iskema tal-pensjoni msemmija kienet sabiex il-ħaddiema tal-entitajiet parastatali ikunu intitolati għal pensjoni tas-servizz bħal ħaddiema ta' entitajiet statali, u dan fiż-żmien meta ma kienx hemm pensjoni nazzjonali tas-sigurtà soċjali. Għalhekk, ġaladarba kienet ser tinbidel il-liġi sabiex tidħol fis-seħħ pensjoni nazzjonali ma jistax jitqies li kien irraġonevoli jew irrazzjonali kif delinjat aktar 'il fuq illi s-soċjetà intimata jew l-aventi kawża tagħha jibdlu l-posizzjoni tagħhom u ma jibqgħux joffru aktar pensjoni tas-servizz, għaliex l-emendar tal-liġi tal-pensjonat kien ser jassigura għal kull ħaddiem dritt ta' pensjoni.*

*Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti illi jekk il-ħaddiema kollha ma jingħatawx l-istess benefiċċju ta' pensjoni bħal dawk il-ħaddiema li kienu ġew trasferiti mir-Rediffusion jew li kien ġie indikat lilhom li kienu intitolati għal pensjoni tas-servizz fl-ittra tal-ingaġġ, ikunu qed jiġu diskriminati, il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 2 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddefinixxi diskriminazzjoni b'dan il-mod:*

> *"...kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika inkluża diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-istat konjugali, tqala, jew tqala potenzjali, sess, kulur, diżabilità, twemmin*

*reliġjuż, opinjoni politika jew sħubija fi trade union, jew f'assoċjazzjoni ta' prinċipali."*

*F'dan il-każ, l-ebda wieħed mir-rikorrenti m'huwa qiegħed jallega illi sofra trattament diskriminatorju minħabba xi waħda mill-kawżali indikati fil-liġi, u għalhekk l-argument ibbażat fuq diskriminazzjoni ma jistax jirnexxi. Di più, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet Carmelo Dalli et vs Go plc fejn fuq l-istess argument ta' trattament diskriminatorju intqal illi:*

*"Il-kondizzjonijiet ta' impieg tal-atturi ma kinux bħal dawk tal-atturi fil-kawza 480/2002, li bdew jaħdmu fi żmien differenti minn dik tal-atturi u li kienu diġà qegħdin jaħdmu ma' kumpannija li ttieħdet mill-Gvern. Mela ma jistax jingħad li hemm aġir diskriminatorju għaliex il-każijiet m'humiex ugwali. L-istess jingħad fir-rigward taż-żewġ impjegati li fl-ittra ta' ħatra tagħhom jingħad li jikkwalifikaw sabiex jieħdu sehem fl-iskema ta' pensjoni li kienet beħsiebha tagħmel il-Korporazzjoni, in kwantu dawn kienu impjegati ftit xhur qabel l-atturi meta kien għad hemm l-intenzjoni li tiġi introdotta skema ta' pensjoni mill-Korporazzjoni. L-atturi ma taw l-ebda prova dokumentarja li din il-kondizzjoni kellha tapplika wkoll fil-każ tagħhom..."*

*Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, it-talba tar-rikorrenti ma tistax tirnexxi fil-konfront tas-segwenti rikorrenti, li la kienu impjegati tar-Rediffusion u lanqas ma kellhom indikazzjoni fl-ittra ta' ingaġġ tagħhom illi l-impjieg kien ser jintitolahom għall-iskema tal-pensjoni in kwistjoni:*

1. *Carmelo Galea*
2. *Francis Zahra*
3. *Anthony Bugeja*
4. *Anthony Bonnici*
5. *Joseph P Calleja*
6. *Joseph Paul Debono*
7. *Charles Domenici*
8. *Alfred Gatt*
9. *Carmelo Farrugia*
10. *Frances Cassar*

*Ir-rimanenti rikorrenti għalhekk huma:*

*Frances Gauci*
*Jonas Magro*
*Anthony Chetcuti*
*Mary Azzopardi armla ta' Joseph Azzopardi*
*Peter Paul Borg*
*John Deguara*

*Barra minn hekk, il-Qorti rat illi hemm għadd ta' rikorrenti f'din il-kawża illi kien ħadu early retirement scheme volontarju, li wħud minnhom ħadu għaliex kienu ġew medically boarded out. Fil-ftehim iffirmat mir-rikorrenti kollha li ħadu l-early retirement scheme ġie stipulat illi s-somma flus li kienet qed titħallas lilhom bħala 'retiring gratuity' kienet:*

> *"...a total sum of money paid by Maltacom to the Retiring Employee in full and final settlement as show..."*

*F'dan l-istess ftehim ġie wkoll espressament provdut illi:*

> *"This Agreement supersedes all prior oral or written understandings between or among the Parties with respect to the subject. No agreement altering, modifying or extending the terms of this Agreement shall be valid unless in writing and duly signed by each party."*

*Fir-rigward ta' John Deguara, dan jixhed ex admissis illi huwa kien ittermina l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata meta ħa l-early retirement scheme fit-22 ta' Frar, 1999.*

*Fir-rigward ta' Francis Gauci huwa indikat espressament fil-formola tat-tmiem tal-impjieg tal-ETC illi r-raġuni għat-tmiem tal-impjieg, fil-31 ta' Marzu, 1999 kien illi għażel li tieħu l-Early Retirement Scheme. Għalhekk fir-rigward ta' Gauci m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li r-raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg kienet l-early retirement scheme ġaladarba din ir-raġuni hija indikata espressament anke fil-formola tal-ETC.*

*Fir-rigward ta' Jonas Magro u Anthony Chetcuti jirriżulta illi r-raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg li ingħatat fil-formola tal-ETC tagħhom kienet illi kienu ġew boarded out minħabba raġunijiet ta' saħħa, fis-16 ta' Settembru, 1999 u fit-30 ta' April, 1999 rispettivament, filwaqt li l-kuntratt tal-early retirement scheme kien ġie ffirmat minnhom fil-5 ta' Novembru, 1999 u fit-30 ta' Settembru, 1999. Il-Qorti rat iżda li skont l-istess kuntratt l-effective date hija s-16 ta' Settembru, 1999 u d-29 ta' April, 1999. Il-Qorti rat ukoll illi Joseph Azzopardi, ir-raġel tar-rikorrenti Mary Azzopardi, kien iffirma ftehim ta' early retirement fis-16 ta' Frar, 1999, li skont l-istess ftehim l-effective date kellha tkun is-16 ta' Jannar, 1999.*

*Fil-fehma tal-Qorti, dawn l-erba' rikorrenti m'humiex intitolati għall-pensjoni kif qed jippretendu, ġaladarba huma minn jeddhom, għażlu li jipparteċipaw f'din l-iskema volontarja ta' irtirar kmieni. Il-Qorti rat illi fl-affidavits tagħhom jilmentaw li ma kinux ġew mgħarrfa dwar din l-iskema ta' pensjoni għaliex li kieku kienu jieħdu parir qabel ma jiffirmaw, però dan ma jistax jaffettwa d-deċiżjoni tal-Qorti ġaladarba l-kuntratti rispettivi għadhom validi u viġenti għaliex ma ġewx dikjarati nulli jew annullati minn xi Qorti minħabba vizzju ta' kunsens, u lanqas ma jista' jingħad li waħda mill-kawżali ta' din l-azzjoni hi proprju xi azzjoni ta' rexissjoni tal-kuntratti msemmija minħabba dan. Meta ffirmaw dawn il-kuntratti, ir-rikorrenti kienu qegħdin jaċċettaw is-somma ta' flus mogħtija lilhom "in full and final settlement" u qablu illi dak il-ftehim "supersedes all prior oral or written understandings between or among the Parties with respect to the subject." Fil-fatt, fil-fehma tal-Qorti l-fatt li l-effective date u ċjoè d-data ta' meta kellu jsir il-ħlas kienet waħda retrospettiva li tmur lura għad-data tat-*

*terminazzjoni ta' impjieg kif reġistrata mal-ETC juri illi l-intenzjoni kienet illi dak il-pagament ikun sar a saldu ta' kwalunwke pretensjoni li seta' kellhom ir-rikorrenti fir-rigward tas-suġġett tal-pensjoni tagħhom mid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg minħabba invalidità. Kieku l-Qorti kellha taċċetta l-argument tar-rikorrenti tkun qed tmur kontra l-prinċipju ta' pacta sunt servanda, li ċertament mhux permissibbli.*

*Għaldaqstant fil-fehma tal-Qorti it-talbiet tar-rikorrenti ma jistgħux lanqas jirnexxu fir-rigward ta' John Deguara, Francis Gauci, Jonas Magro, Anthony Chetcuti, u Mary armla ta' Joseph Azzopardi.*

*Jifdal għalhekk illi l-Qorti teżamina t-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward ta' Peter Paul Borg. Jirriżulta illi Peter Paul Borg sar impjegat tas-soċjetà intimata għaliex kien wieħed mill-impjegati tar-Rediffusion. Għalhekk huwa ċar li l-ftehim tal-1976 huwa applikabbli għalih, u għandu jkun intitolat għall-iskema ta' pensjoni. Borg kien ġie medically boarded out fit-30 ta' Marzu, 1985, u ma jirriżultax illi kien użufruwixxa mill-early retirement scheme. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi Peter Paul Borg huwa l-uniku rikorrenti a favur ta' liema għandha tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti.*

*Fir-rigward tas-seba' eċċezzjoni tas-soċjetà intimata, il-Qorti wara li rat dak li jipprovdi l-Kapitolu 450 tal-Liġijiet ta' Malta taqbel illi s-sentenza nnifisha ma tista' qatt tkopri r-rekwiżiti amministrattivi stabbiliti fil-liġi għat-tpoġġija fis-seħħ ta' skema ta' pensjoni. Dan ma jfissirx però illi t-talba tar-rikorrenti kollha hija insostenibbli peress illi t-talba hija fis-sens li tkun din il-Qorti li tistabbilixxi l-iskema mitluba jekk is-soċjetà intimata tonqos milli tagħmel dak ordnat minnha fil-liġi. Għalhekk, hija biss din il-parti tat-talba li hija insostenibbli u mhux it-talba kollha.*

*Fir-rigward tat-tmien eċċezzjoni tas-soċjetà intimata, il-Qorti rat illi għalkemm huwa minnu li l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) u l-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali tal-1965 (Kap. 147) jimponu pensjoni massima, dawn iż-żewġ liġijiet ma jħassrux jew jiddikjaraw nulla kwalunkwe pensjoni tas-servizz li tkun eżistenti. Minflok dawn il-liġijiet jipprovdu illi l-pensjoni tas-servizz tittieħed in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-pensjoni taħt l-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali. Fil-fatt, hawnhekk issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Francis Paris et vs Maltacom plc et ...,*

*…*

*Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.»*

8. Go plc appellat minn din is-sentenza fl-14 ta' Mejju, 2018 u ressqet aggravju wieħed fejn hija ilmentat li l-attur Peter Paul Borg kien tilef kull

dritt li jirċievi pensjoni mingħandha u għalhekk fil-fehma tagħha l-Ewwel Qorti kien imissha għaddiet biex tiċħad ukoll it-talba tiegħu.

9. L-attur Peter Paul Borg, flimkien ma' martu Rita, wieġbu għal dan l-appell fil-25 ta' Mejju, 2018, u hemmhekk huma taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn huma jemmnu li l-appell ta' Go plc għandu jiġi miċħud. Mat-tweġiba tal-appell tagħhom huma hemżu dokument li skonthom juri li l-impjieg tal-attur ma' Telemalta, li tiġi l-predeċessur ta' Go plc, kien intemm minħabba raġunijiet mediċi.

10. Inżamm smigħ fit-28 ta' Frar, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. Qabel ma tgħaddi biex tqis l-aggravju ta' Go plc, ikun xieraq li qabel xejn din il-Qorti tindirizza l-punt imqajjem mill-avukat ta' Go plc waqt is-smigħ tat-28 ta' Frar, 2023, fejn huwa saħaq li l-appellati ma setgħux jippreżentaw dokument ġdid mar-risposta tal-appell tagħhom.

12. Il-Qorti tqis li r-risposta tal-appell tressqet fil-25 ta' Mejju, 2018, meta l-**Artikolu 145 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, qabel l-emendi magħmula bl-**Artikolu 3 tal-Att XXXII tal-2021**, kien jippermetti l-produzzjoni ta' dokumenti ġodda flimkien mar-risposta tal-appell. Dan,

madankollu, ma jfissirx li kull parti setgħet tibda taqla' provi ġodda fl-istadju tal-appell kif jogħġobha. Tassew, għal żmien twil, din il-Qorti fissret dan l-artikolu tal-liġi b'tali mod li dan m'għandux jintuża minn xi parti f'kawża biex tabbuża mill-proċedura jew biex iċċaħħad il-benefiċċju tal-eżami doppju tal-provi (ara ***Boris Arcidiacono Limited v. Commercial Services Bureau (CSB) Limited***, Appell Superjuri, 27 ta' Settembru, 2019).

13. Kemm hu hekk, dan l-artikolu jrid jitfisser fil-qafas tal-funzjoni ta' din il-Qorti bħala waħda ta' reviżjoni, li bħala regola m'għandhiex tqis provi li ma nġabux quddiem il-Qorti tal-ewwel grad (ara ***Tabib John Cassar et v. Carmel Polidano et***, Appell Superjuri, 14 ta' Diċembru, 2018). Għalhekk, jekk prova dokumentarja ma setgħetx titressaq quddiem il-Qorti tal-ewwel grad, u jekk il-parti ma setgħetx tkun taf b'dak id-dokument qabel ma ngħatat is-sentenza, din il-Qorti tħalli li titressaq tali prova dokumentarja fl-istadju tal-appell, dejjem jekk ikun fl-interess tal-ġustizzja li dan isir (ara ***Vinco Ltd v. Josephine Cilia et***, Appell Superjuri, 12 ta' Lulju, 2019).

14. Għall-kuntrarju, fejn dik il-prova tkun magħrufa lill-parti sa minn qabel l-għoti tas-sentenza appellata, ma jkunx sewwa mbagħad li din titħalla tressaqha fl-istadju tal-appell (ara ***Josef Farrugia v. Christopher Carabott et***, Appell Superjuri, 24 ta' Ġunju, 2011 u ***Emanuel Zammit nomine v. Charles Polidano pro et noe***, Appell Superjuri, 31 ta' Jannar,

2014).

15. L-istess konsiderazzjonijiet jgħoddu fil-każ tal-lum. Id-dokument mehmuż mar-risposta tal-appell huwa ittra li ntbgħatet lill-appellat Borg ferm qabel ma nfetħet il-kawża, sewwasew fit-12 ta' Marzu, 1984, u għalhekk dan seta' u messu nġieb mill-attur Borg quddiem l-Ewwel Qorti sa mill-bidu nett tal-kawża u mhux fi stadju ta' appell (ara ***Carmela Mallia v. Alfred Mallia***, Appell Superjuri, 12 ta' Mejju, 2022).

16. Il-Qorti għalhekk qiegħda tordna li d-dokument mehmuż mar-risposta tal-appell jinħareġ mill-inkartament tal-kawża.

17. Magħluqa din il-kwistjoni, din il-Qorti tista' tissokta biex tqis l-aggravju waħdieni ta' Go plc. F'dan l-aggravju hija targumenta li l-Ewwel Qorti ma kinitx siewja meta bħala fattur determinanti biex tasal għad-deċiżjoni tagħha, hija qieset il-fatt li Peter Paul Borg ma gawdiex mill-iskema għall-irtirar kmieni, li l-istess Go plc kienet nediet, bħalma jirriżulta li kienu għamlu wħud mill-atturi sħabu. Fil-fehma tagħha, l-Ewwel Qorti kellha tasal għad-deċiżjoni tagħha billi tixtarr x'riżultat ġab miegħu l-*boarding out* tal-attur Borg fuq l-impjieg tiegħu u kif ukoll fuq id-dritt tiegħu li jirċievi pensjoni mingħand il-kumpanija konvenuta.

18. Iżżid tgħid li l-proċess tal-*boarding out* tal-attur Borg u t-tmiem tal-impjieg tiegħu magħha ma kienx frott ta' xi proċedura interna li kienet

twettqet minn Telemalta, li kienet il-predeċessur fit-titlu tagħha, u għalhekk hija ma kellha l-ebda sehem fih. Tisħaq li kemm huwa hekk, dan il-proċess kien tmexxa b'mod indipendenti mill-awtoritajiet u mhux minnha.

19. Hija ttenni li fl-atti ma hemm l-ebda prova li Peter Paul Borg irtira mill-impjieg tiegħu fi stadju bikri u li minbarra dan, huwa kien għażel li jiġi *medically boarded out* bis-saħħa ta' proċess li ma kienx imwaqqaf minnha. Minħabba f'hekk, fil-fehma tagħha, Peter Paul Borg tilef il-jedd tiegħu li jirċievi pensjoni mingħandha.

20. Il-Qorti tqis li b'kuntratt tal-1 ta' Marzu, 1976, il-predeċessur fit-titlu ta' Go plc kienet intrabtet li twettaq skema ta' pensjoni simili għal dik imħaddma mill-Gvern għall-benefiċċju tal-impjegati tagħha. Skont l-istess ftehim l-impjegati tal-kumpanija konvenuta kellhom jirtiraw fl-età ta' sittin sena, iżda fil-każ tal-impjegati maskili dawn kellhom l-għażla li jibqgħu fl-impjieg sal-età ta' wieħed u sittin sena.

21. Huwa kunċettwalment magħruf li l-pensjoni tibda tingħata lill-individwu wara li dan jirtira mill-impjieg tiegħu fl-età tal-pensjoni. Madankollu, skont l-**Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93 tal-Liġijiet ta' Malta)**, li ddaħħlet fis-seħħ bil-għan li tipprovdi għall-għoti ta' pensjonijiet lill-ħaddiema fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-pensjoni għandha tingħata wkoll lil uffiċċjal pubbliku, jekk tingħata prova medika

għas-sodisfazzjon tal-President ta’ Malta illi dan mhuwiex kapaċi li jwettaq id-dmirijiet tal-kariga tiegħu minħabba mard tal-moħħ jew tal-ġisem li jkun ta’ natura permanenti (ara l-**Artikolu 7(1)(e) tal-Ordinanza**).

22. Fil-każ tagħna, ladarba l-iskema li kellha tiġi mnedija minn Go plc (u qabilha Telemalta), kellu jkollha bħala s-sies tagħha l-**Ordinanza dwar il-Pensjonijiet**, jiġi li l-impjegati tagħha wkoll setgħu jirtiraw mix-xogħol qabel jilħqu l-età pensjonabbli tagħhom, jekk kemm-il darba huma jkollhom f’idejhom prova medika li turi li huma għandhom marda permanenti li tagħmilhom mhux tajbin għax-xogħol.

23. Meqjus dan, din il-Qorti tiddikjara minnufih li l-Ewwel Qorti mxiet tajjeb meta qieset is-sitwazzjoni tal-attur Peter Paul Borg bħala differenti minn dik tal-kollegi tiegħu, li kienu għażlu li jipparteċipaw fi skema ta’ irtirar kmieni, li Go plc kienet nediet għall-benefiċċju tagħhom.

24. Għall-kuntrarju tal-kollegi tiegħu, mill-atti jirriżulta li l-attur Paul Borg ma kienx ħa sehem f’din l-iskema ta’ irtirar kmieni. Terġa’ u tgħid, dawn il-kollegi tal-attur kienu diġà bbenefikaw mill-imsemmija skema u rtiraw mill-impjieg tagħhom ma’ Go plc qabel huma nstabu mhux tajbin aktar għax-xogħol, u bħall-attur bdew jirċievu l-pensjoni għall-invalidità.

25. Jiġi b’hekk, li dawk l-atturi ma setgħux jużaw, bħala tarka tagħhom, l-**Artikolu 7(1)(e) tal-Kap. 93 tal-Liġijiet ta’ Malta** biex jirċievu pensjoni

mingħand Go plc. Tassew, it-tifsira xierqa li trid tingħata lil dan l-artikolu tal-liġi jmissha tkun li biex jingħata lok għall-ħlas tal-pensjoni, il-kawża tat-tmiem tal-impjieg trid tkun sewwasew is-sejbien tal-kundizzjoni medika u mhux sempliċi ċirkostanza li tkun verifikata wara li dak l-impjieg ikun intemm għal xi raġuni oħra (ara ***Joseph Cachia et v. Go plc***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 22 ta' Lulju, 2015).

26. Għalhekk, l-Ewwel Qorti għamlet sew li ħolqot din id-distinzjoni bejn l-attur Peter Paul Borg u l-atturi l-oħra.

27. Ngħaddu issa biex naraw jekk l-attur Peter Paul Borg tassew waqafx mill-impjieg tiegħu qabel laħaq l-età pensjonabbli minħabba mard ta' natura permanenti. Mill-provi jirriżulta li Peter Paul Borg twieled fit-13 ta' Novembru, 1934. Huwa daħal jaħdem ma' Rediffusion Malta Ltd fit-23 ta' Mejju, 1955 u aktar tard ġie trasferit għal mal-Koporazzjoni Telemalta fil-15 ta' Frar, 1975. Skont dokument maħruġ mill-*Employment and Training Corporation* huwa temm l-impjieg tiegħu ma' Telemalta fit-30 ta' Marzu, 1985 (ara paġna 177 tal-atti tal-kawża).

28. Jiġifieri meta l-attur irtira minn mal-predeċessur ta' Go plc, huwa kellu ħamsin sena, u għalhekk ma kienx għadu laħaq l-età pensjonabbli tiegħu ta' sittin sena. Ir-raġuni għat-tmiem tal-impjieg tiegħu baqgħet ma tniżżlitx fid-dokument, hawn fuq imsemmi.

29. Issa l-attur jistqarr f'żewġ affidavits separati li huwa spiċċa mill-impjieg tiegħu ma' Go plc fit-30 ta' Marzu, 1985 minħabba li kien ġie *medically boarded out* (ara l-affidavits tiegħu tas-7 ta' Novembru, 2014 u kif ukoll dak tas-17 ta' Ġunju, 2016 f'paġni 173 u 501 tal-atti tal-kawża rispettivament). Fuq ix-xaqliba l-oħra, għal raġunijiet li taf hi biss, Go plc ma kellha l-ebda tagħrif dwar l-impjieg, li l-attur Borg kellu mal-predeċessur tagħha (ara d-dokument ippreżentat minn Ayrton Caruana f'paġna 319 tal-atti tal-kawża u x-xhieda tas-26 ta' Jannar, 2017 u tat-3 ta' Lulju, 2017 mogħtija mill-istess Ayrton Caruana).

30. Il-Qorti tqis li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah (ara l-**Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**). Dan il-prinċipju jsib is-sies tiegħu fir-regola tradizzjonali li *«onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat»*. Regola bħal din tfisser b'ċertezza l-ħtieġa loġika li jitqiegħed fuq il-parti l-piż li din tressaq prova dwar il-fatti li tkun qiegħda tallega. Madankollu, dan il-piż mhuwiex mixħut biss fuq il-parti attriċi li għandha d-dmir li ġġib prova tajba dwar il-jedd imfittex minnha (*actore incumbit probatio*), iżda wkoll fuq il-parti konvenuta, li wkoll jeħtiġilha tressaq provi li jsaħħu d-difiża tagħha u jxejnu t-talbiet tal-parti attriċi (*reus in excipiendo fit actor*). Tassew, huwa fid-dover tal-parti konvenuta li din tressaq kontroprova għal dawk il-provi li jkunu tressqu kontriha u b'hekk tixħet lura l-piż tal-prova fuq il-parti attriċi (ara ***Francesca Mallia v. Salvatore Guillaumier***, Appell Ċivili, 12 ta' Jannar, 1962 (**Kollez. Vol: XLVI.i.5**) u ***Peter Plant Limited v. Ramel u Żrar Limited***, Appell Inferjuri,

18 ta' Ottubru, 2006).

31. Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti u jidhrilha li l-attur Peter Paul Borg irnexxielu jressaq prova tajba li huwa temm l-impjieg tiegħu ma' Telemalta b'mod bikri minħabba raġunijiet mediċi. Fuq kollox, din il-verżjoni tiegħu qatt ma ġiet imxejna jew imwaqqa' minn Go plc.

32. Mill-provi misjuba fl-atti jirriżulta li fis-27 ta' Marzu, 1985, bord mediku magħmul minn tliet tobba ċċertifika lill-attur Borg bħala mhux tajjeb għal kull tip ta' xogħol għat-tul ta' żmien ta' sena minħabba dipressjoni u mard ieħor (ara paġna 309 tal-atti tal-kawża). B'hekk, b'effett minn tlett ijiem wara, huwa beda jirċievi l-pensjoni għall-invalidità (ara l-ittra mibgħuta lill-attur mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali f'paġna 175 tal-atti tal-kawża). Ir-riżultanzi tas-27 ta' Marzu, 1985 ġew ikkonfermati minn bord mediku ieħor preċiżament sena wara, jiġifieri fis-27 ta' Marzu, 1986 (ara paġna 310 tal-atti tal-kawża).

33. Imbagħad, fid-19 ta' Marzu, 1987, bord mediku ieħor iddikjara li Peter Paul Borg ma kienx kapaċi għax-xogħol għall-perijodu ta' tliet snin (ara paġna 311 tal-atti tal-kawża) sakemm fl-4 ta' April, 1990 huwa ġie ċċertifikat li mhux kapaċi jaħdem b'mod permanenti minħabba mard (ara paġna 312 tal-atti tal-kawża);

34. M'hemm l-ebda dubju għalhekk li l-attur Peter Paul Borg kellu

jtemm l-impjieg tiegħu ma' Telemalta b'mod bikri minħabba mard ta' natura permanenti. Wara kollox, skont id-dokument maħruġ mill-*Employment and Training Corporation* li jinsab f'paġna 177 tal-atti tal-kawża, il-ġurnata tat-30 ta' Marzu, 1985, li fiha huwa temm l-impjieg tiegħu, hija l-istess waħda li fiha huwa beda jirċievi l-pensjoni għall-invalidità.

35. Meqjus dan kollu, il-kwistjoni dwar jekk l-attur Borg ġiex dikjarat bħala li mhux kapaċi għax-xogħol bis-saħħa ta' proċedura mħaddma minn Telemalta stess jew le, ma hija tal-ebda rilevanza għall-intitolament tiegħu għal pensjoni mingħand il-kumpanija konvenuta. Tassew, ladarba l-prova medika meħtieġa fl-**Artikolu 7(1)(e) tal-Kap. 93 tal-Liġijiet ta' Malta** nġabet, il-vot tal-liġi ġie sodisfatt u b'hekk l-attur Borg għandu kull jedd li jitlob lill-kumpannija konvenuta twaqqaf skema ta' pensjoni għall-benefiċċju tiegħu skont il-ftehim tal-1 ta' Marzu, 1976.

36. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, l-aggravju ta' Go plc qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell ta' Go plc filwaqt li tikkonferma fis-sħiħ is-sentenza tal-Ewwel Qorti, u b'hekk **<u>tordna</u>** lil Go plc twettaq skema ta' pensjoni għall-

benefiċċju tal-attur Peter Paul Borg, kif mitlub minnu, fi żmien tliet xhur mid-data ta’ din is-sentenza. Għall-għanijiet tal-**Artikolu 222 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** **tordna** wkoll lil Go plc tħallas lill-attur Peter Paul Borg penali ta’ €10 għal kull jum li hija ddum biex tniedi l-iskema ta’ pensjoni wara li jgħaddi ż-żmien ta’ tliet xhur mogħti hawn fuq.

L-ispejjeż tal-ewwel grad għandhom jibqgħu kif deċiżi fis-sentenza tat-23 ta’ April, 2018, filwaqt li l-ispejjeż ta’ dan l-appell għandhom jitħallsu kollha minn Go plc.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R. Micallef<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr